MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Numru 380/2007

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Vs**

**Josef Grech**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Josef Grech ta’ 25 sena, bin Martin u Dortothy nee Caruana, imwieled tal-Pieta’ fl-24 ta’ Mejju 1981 u li joqgħod ‘Simbtoy’ Numru 11 Flat Numru 5 Triq l-Ajkla Valletta detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 267081 (M)

Akkużat talli

Fil-5 ta’ Marzu 2007 u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li

jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew maħgmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqed b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-evidenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabeix tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn L,1,000 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, il-Bank of Valletta plc, HSBC Bank Malta Limited u John Cauchi –bi ksur tal-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-KAp 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. u aktar talli fl-istess żmien, lokalitajiet u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' ċekkijeit li jappartjenu lill-Gvern ta' Malta u li nħarġu f'isem Joseph Bezzina, liema serq sar għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liem serq ma jaqbiżx l-għax liri Maltin; (bi ksur tal-artikoli 18 u 261 tal-KAp 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

3.u aktar talli fl-istess xjentement żmien laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, jew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom leima oġġetti ġejjin minn reat ta' serq ( u dan bi ksur tal-artikoli 18 u 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. U aktar talli fl-istess żmien, iffalsifika ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċ ievi bihom ħlas jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u cioe' ċekkijeit li jappartjenu lill-Gvern ta' Malta u li inħarġu fuq isem Joseph Bezzina; kif ukoll talli xjenetmeent għamel użu minnhom; (bi ksur tal-artikoli 18, 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

5. U aktar talli fl-sitess żmien għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe' ċekkijiet tal-Gvern ta' Malta u li nħarġu fuq isem Joseph Bezzina billi ħoloq pattijeit, dispożizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skirtturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; u kif ukoll talli xjentement għamel użu mill-sitess att, kitba jew skrittura falza (artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jiġib in-numru 2670 tal-1981, il-fedina penali netta tal-imputat a fol 4, l-oġġezzjoni tad-difiża għall-preżentazzjoni tal-konfessjoni jew stqarrija, id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li l-istqarrija ttieħdet b'mod volontarju (fol 7), l-istqarrija tal-imputat a fol 14, id-dokumenti esibiti mis-Sur Joseph Borg Cardona, rappeżentant tal-Bank of Valletta a fol 27 et, id-digriet ta' din il-Qorti tas-27 ta' Novembru 2008 dwar ir-rikors kostituzzjonali li kien intavolat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, id-Dokument ICI a fol 57, l-artikoli mibgħutin mill-Avukat Ġenerali (fol 75) liema artikoli nqraw fis-7 t'Ottubru 2009 u fl-istess jum l-imputat għażel li jibqa' quddiem din il-Qorti (fol 74), id-dokument ippreżentat minn Dr Omar Caruana (OC), document maħruġ mill-Bank of Valletta li fiha l-ordering customer jidher li huwa Grech Josef ta' 165 Triq Palma Malta u l-benfiċjarju jidher li huwa id-Direttur tas-Servizzi Soċjali (Draft numbers 490028 u 490031), in-Nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali li biha nġieb a konjizzjoni tal-Qorti l-verbal li kien sar fil-Qorti Kostituzzjonali nhar it-2 ta' Novembru 2009 fejn il-Qorti kienet iddiferiet il-kawża sine die (dok B).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Rat li fis-seduta tal-1 ta’ Frar 2008, l-imputat kien għamel ammissjoni liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha. (fol 54) iżda fis-seduta tas-7 t’Ottubru 2009 (fol 74), l-imputat ammetta l-ewwel u l-ħames imputazzjoni biss.

Fil-verbal tal-istess seduta l-Prosekuzzjoni u d-difiża ddikjaraw li r-raba’ imputazzjoni hija alternattiva għall-ħames imputazzjoni u li t-tielet imputazzjoni hija alternattiva għat-tieni.

Fit-trattazzjoni l-Avukat Difensur li qatt ma saret il-prova li l-imputat kien effettivament seraq iċ-ċekkijiet u li l-imputat kein silef somma ta’ flus lil Joseph Bezzina li kien qed iħallsu regolament iżda mbagħad leħaq miet u għalhekk l-imputat ma leħaqx tħallas ta’ kollox.

Semgħet lir-rappreżentant tal-Bank of Valletta jixhed u jikkonferma li kienu l-BOV drafts li bihom l-imputat ħallas lill-Bank of Valletta li rrifondew lid-Direttur tas-Servizzi Soċjali.

Semgħet ukoll lid-Direttur tas-Sigurta’ Soċjali jikkonferma li bħala somma d-Dipartiment kien ħareġ Lm3260.09 (fol 55) u li sal-1 ta’ Frar 2008 kien jonqos jinġabru xi Lm683.19. (fol 56). (Ara wkoll Dok ICI)

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal ukoll li huwa kien qed iħallas lis-sur Cauchi[1] bil-mod, li kien tah Lm250 u kien fadallu jagħih xi Lm100.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*Ġaladarba l-imputat ammetta l-ewwel u l-ħames imputazzjoni, dawn huma ppruvati skond il-Liġi u għalhekk il-Qorti qed issibu ħati tagħhom.*

[1] Cauchi kien għadda l-flus lura lill-HSBC (ara l-istqarrija tal-imputat a fol 14).

It-tieni imputazzjoni – jiġifieri dik tas-serq – din ma ġietx ippruvata u għalhekk il-Qorti qed tilliberah minnha.

It-tielet imputazzjoni – ir-riċettazzjoni. Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat allega li dawn iċ-ċekkijiet kienet iġġibhomlu persuna li llum fil-mument tal-istqarrija tinsab mejta wkoll. Ukoll jekk wieħed jemmen din l-istorja, l-imputat kien jaf li qed jirċievi ċekkijiet ta' persuna mejta u għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni.

Ir-raba' imputazzjoni – Peress li l-Prosekuzzjoni qablu li din l-imputazzjoni hija alternattiva għall-ħames imputazzjoni, il-Qorti mhxi tieħu konjizzjoni tagħha.

Il-ħames Imputazzjoni. L-imputat ammetta din l-imputazzjoni u għalhekk il-Qorti qed issibu ħati tagħha.

**Konklużjoni.**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli [2] 18, 308, 309, 310(1)(a), 284, 285, 334(a), 167, 169, 183, 184, 17(b), 23, 31 u 533 tal-Kap 9 qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tielet u tal-ħames imputazzjoni, bil-ħames imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9 qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni u mhix tieħu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni stante l-verbal bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża. L-imputat għandu fedina penali nadifa. Sa l-aħħar seduta l-imputat kien żgur ħallas il-biċċa l-kbira ta' dak li kellu jirrifondi. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' tmien xhur liema piena għandha tibqa' sospiża għal sentejn mil-lum jekk kemm-il darba l-imputat ma jwettaqx xi reat fil-perjodu operattiv tas-sentenza. Il-Qorti spjegat l-artikolu 28A tal-Kap 9 lill-imputat fi kliem sempliċi.**

---

[2] Kif intbagħtu mill-Avukat Ġenerali a fol 75

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------